- *natura tal-azzjoni*
- *fl-ispeċje, hija waħda skont Art. 469A Kap 12*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 28 ta' Jannar 2020**

**Rikors Ġuramentat Nru. 909/2018 GM**

**Mahmolud Chehade, bin-numru tal-karta tal-identita` maħruġa mill-United Nations Relief and Work Agency for Palestine Refugees in the Near East (UNRWA) 32015404**

**vs.**

**Avukat Ġenerali u d-Direttur ġenerali tal-Ministeru tal-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ippreżentat fit-12 ta' Settembru 2018, li permezz tiegħu l-attur wara li ppremetta:-

Illi r-rikorrent huwa imwieled il-Libanu bħala rifuġjat Palestinjan;

Illi wasal Malta l-20 ta' Marzu tal-2017, flimkien mal-familja tiegħu;

Illi fis-27 ta' Marzu tal-2017 mar l-Uffiċju tal-Kummissjari għar-Rifuġjati sabiex japplika għal- protezzjoni internazzjonali, u dik l-istess ġurnata huwa ġie rreġistrat bħala 'applikant', kif imfisser fl-Artikolu 2 tal-Att Dwar ir-Rifuġjati (KAP. 420);

Illi fit-13 ta' Lulju tal-2017 l-applikazzjoni tiegħu għal-protezzjoni internazzjonali ġiet formalment irreġsitrata fl-Uffiċju tal-Kummissarju għar-Rifuġjati u dik l-istess ġurnata ġie intervistat minn *caseworker* tal-istess Uffiċju;

Illi fis-22 ta' Novembru tal-2017, l-Uffiċju tal-Kummissarju għar-Rifuġjati ħareġ ir-rakomandazzjoni tiegħu, fejn jgħid illi l-applikazzjoni tar-rikorrent kienet inammissibbli abbażi tal-Artikolu 24(2) tal-Att Dwar ir-Rifuġjati, jiġifieri għax, skond l-Uffiċju *"pajjiż li ma jkunx Stat Membru jitqies bħala l-ewwel pajjiż tal-asil għall-applikant"*;

Illi, madankollu, l-istess rakkomandazzjoni tgħid illi *"the applicant's statements and evidence to the Refugee Commissioner's office were carefully examind to determine whether he meets the criteria to be considered a refugee or whether he is eligible for subsidiary protection status, under the Refugees Act"*, u li *"after carefully assessing all factors relative to the applicant's clain, the Office of the Refugee Commissioner must conclude that this application for international protection, as presented to it, fails to meet the criteria for recognition of refugee status in terms of Article 8 of the Refugees Act. It also fails to meet the criteria to be granted subsidiary protection status in terms of Article 17 of the same Act."*

Illi, kif ukoll indikat fir-rakkomandazzjoni, din ir-rakkomandazzjoni tal-Uffiċju tal-Kummissarji għar-Rifuġjati ġiet minnufih irreferita lil-President tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati, skond il-proċedura aċċelerata stipulata fl-Artikolu 23

tal-KAP. 420, u li din ġiet hekk irreferita fis-6 ta' Diċembru tal-2017, jiġifieri ftit inqas minn ġimgħatejn wara d-data tar-rakkomandazzjoni;

Illi l-applikant ġie nfurmat b'din id-deċjżjoni fil-11 ta' Diċembru meta rċieva telefonata mill-Uffiċju tal-Kummissarju għar-Rifuġjati fejn ġie infurmat illi seta' jiġbor id-deċiżjoni mill-istess Uffiċju;

Illi fit-12 ta' Diċembru tal-2017, jiġifieri ġurnata waħda biss minn meta r-rikorrent irċieva r- rakkomandazzjoni tal-Uffiċju tal-Kummissarju għar-Rifuġjati, huwa rċieva d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati fejn il-Bord ikkonferma r-rakkomandazzjoni tal-Uffiċju tal-Kummissarju li l-applikazzjoni tar-rikorrent għandha titqies bħala inammissibbli skond l-Artikolu 24(1)(b) tal-Att dwar ir-Rifuġjati;

Illi r-rikorrent ma ntalabx biex jidher quddiem il-Bord, u ma ngħatax iċ-ċans jippreżenta sottomissjonijiet, dokumentazzjoni jew argumenti, fil-kuntest ta' din il-proċedura tal-appell;

Illi permezz tad-deċiżjoni tal-Bord l-applikazzjoni għal-protezzjoni internazzjonali tar-rikorrent ġiet finalment magħluqa;

Illi, bħala osservazzjoni prinċipali, il-paragrafu 50 tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni), jgħid illi *"Ikun jirrifletti prinċipju bażiku tal-liġi tal-Unjoni li d- deċiżjonijiet meħuda fir-rigward ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, id-deċiżjonijiet dwar ir-rifjut biex jerġa' jinfetaħ l-eżami ta' applikazzjoni wara l-waqfien tagħha u d-deċiżjonijiet fir-rigward tal-irtirar tal-istatus ta' rifuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja jkunu suġġetti għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal"*;

Illi l-Artikolu 35 tal-istess Direttiva jistipula illi meta Stat Membru jkun qed japplika l-kunċett tal-ewwl pajjiż tal-asil għaċ-ċirkostanzi partikolari ta' applikazzjoni, *"l-applikant għandu jitħalla jikkontesta l-applikazzjoni tal-kunċett tal-ewwel pajjiż ta' asil għaċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu"*;

Illi, l-Artikolu 46(1)(a)(ii) tal-istess Direttiva wkoll jeħtieġ illi l-Istati Membri jiżguraw id-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal kontra deċiżjoni li tikkunsidra applikazzjoni bħala inammissibbli għax pajjiż terz jiġi kkunsidrat bħala l-ewwel pajjiż ta' asil għal-applikant;

Illi, kif l-Onorabbli Qorti stess tista' tosserva mid-deċiżjoni tal-Bord, din id-deċiżjoni tal-Bord ma tirreflettix *"eżami sħiħ u ex nunc ta' kemm il-fatti kif ukoll il-punti tal-liġi"* kif meħtieġ mil-Artikolu 46(3) tal-Istess Direttiva;

Illi l-prinċipju tar-rimedju effettiv huwa prinċipju fundamentali fil-liġi Ewropea, imsaħħaħ fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fejn l-Onorabbli Qorti qalet illi *"It should be remembered, in this last respect, that Community law requires effective judicial scrutiny of the decisions of national authorities taken pursuant to the applicable provisions of Community law, and that this principle of effective judicial protection constitutes a general principle which stems from the constitutional traditions common to the Member States and is enshrined by the European Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms"* (Każ C-327/02 *Panayotova*, 2004, paragrafu 27), u li *"Moreover, while it is, in principle, for national law to determine an individual's standing and legal interest in bringing proceedungs, <u>Community law nevertheless requires that the national legislation does not undermine the right to effective judicial protection</u>"* (Każ C-87/90 Verholen, 1991, paragrafu 24; Każ C-13/01 *Safalero*, 2003, pargrafu 50);

Illi r-rikorrent ma setax jeserċita d-dritt tiegħu tal-aċċess għal rimedju effettiv fil-konfront tar-rakkomandazzjoni tal-Uffiċju tal-Kummissarju għar-Rifuġjati li l-applikazzjoni għal-protezzjoni internazzjonali tiegħu kienet inammissibbli, u dan bħala konsegwenza diretta tat-transposizzjoni inkorretta tal-imsemmija Direttiva fil-liġi Maltija u l-konsegwenti aġir tal-Uffiċju tal-Kummissarju kif ukoll tal-Bord;

Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-egħmil amministrattiv hawn fuq spjegat imur kontra l-Artikoli 35 u 46(1)(a)(ii) tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni);

2. Tiddikjara illi tali għemil amministrattiv huwa null, invalidu u bla effett;

3. Tiddikjara illi d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 35 u 46(1)(a)(ii) huma ta' natura li għandom effett dirett fil-liġi Maltija;

4. Konsegwentement tiddikjara li kawża ta' tali għemil amministrattiv li huwa null u bla effett, ir-rikorrent ma setax jeserċita d-drittijiet tiegħu fil-kuntest tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali li għamel mal-Uffiċju tal-Kummissarju għar-Rifuġjati;

5. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent;

6. Tordna dawk il-miżuri li l-Onorabbli Qorti jidhirlha huma xierqa sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni tar-rikorrent, inkluż il-possibbiltá li jeserċita d-

dritt għal rimedju effettiv fil-konfront tar-rakkommandazjoni tal-Uffiċju tal-Kummissarju għar-Rifuġjati.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ppreżentata fit-22 t'Ottubru 2018 li biha l-intimati eċċepew:-

1. Illi in linea preliminari, l-esponenti mhumiex il-leġittimi kontradittturi ai termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili *stante* li għemil amministrattiv imsemmi fir-rikors ġuramentat in risposta huwa dak tal-Kummissarju għar-Rifuġjati kif wkoll tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati u mhux tal-imħarkin Avukat Ġenerali u Direttur Ġenerali tal-Ministeru tal-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali.

   Illi *di piu'* joħrog ċar mil-qari tar-rikors ġuramentat in risposta illi l-esponenti ma ħadu l-ebda deċizjoni fil-konfront tal-attur, wisq anqas kienu parti minn xi proċeduri ta' revizzjoni fl-stadju tal-appell kif donnhu qiegħed jallega l-attur. Għaldaqstant l-esponenti ma huma fdati bl-ebda funzjoni deċizjonali u/jew ta' revizjoni fir-rigward tal-mertu trattat fir-rikors ġuramentat in risposta.

   Joħroġ palezament ċar wkoll illi t-tahrika tal-Avukat Ġenerali bħala intimat fil-kawza odjerna saret inutilment. Semmai in-notifika tal-istess rikors ġuramentat in risposta ai termini tal-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-esponent kienet tibbasta.

   Illi għalhekk l-esponenti għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

Illi in linea preliminari ukoll l-esponenti jeċepixxu l-improponibbilita' tal-kawża fil-konfront tal-esponenti *stante* illi r-rimedju tal-parti li tħossha aggravata hija illi tintavola kawża in kontradittorju tal-kontro-parti li ċertament m'humiex l-esponenti. Illi *di piu'* dawn il-proċeduri jippreżentaw abbuż ġialadarba l-attur wara li ħa deċizjonijiet mill-entitajiet kompetenti anki fl-istadju tal-appell istitwixxa dawn il-proċeduri;

2. Illi in linea preliminari wkoll, l-esponenti jeċċepixxu n-nullità tar-rikors ġuramentat peress li fih kawżali u talbiet alternattivi li huma kontradittorji u kunfliġġenti (*allegans contraria non est audiendus*), liema talbiet irendu l-istess talbiet inammissibbli u dan *stante* illi l-attur qiegħed jitlob stħarrig ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv u fl-istess nifs qiegħed jitlob lil dina l- Onorabbli Qorti tillikwida danni (*da liquidarsi)*;

3. Illi in linea preliminari wkoll, ġialadarba it-talbiet 1, 2, 3 u 4 tal-attur jikkonsistu f'talba għal dikjarazzjoni illi **ghemil amministrattiv** jmur kontra l-Liġi u huwa null, invalidu u bla effett, dak li qiegħed jittenta jagħmel l-attur hija proprja stħarrig ġudizzjarju ta' ghemil amministrattiv ai termini tal-Artikolu 469A 1 (b) (iv) tal-Liġijiet ta' Malta. Illi għaldaqstant inkwantu t-talbiet attriċi jirrigwardaw stħarriġ tal-validità tar-rakomandazzjoni tat-22 ta' Novembru 2017 tal-Kummissarju ghar-Rifuġjati u d-deċiżjoni tat-12 ta' Dicembru, 2017 tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati, l-azzjoni attriċi li ġiet intavolata fit-12 ta' Settembru 2018 hija palezament fuori termine t-terminu perentorju ta sitt (6) xhur stabbilit bl-Artikolu 469A (3) tal-Kap. 12 u għalhekk dina l-azzjoni għandha tiġi dikjarata bħala tali;

4. Fil-mertu u mingħajr preġudizzju, it-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li ma sar xejn mill-eċċipjenti li jista' legalment jattira l-ħtiega ta' reviżżjoni da parti tal-Qorti;

5. Illi l-esponenti qabel ma jelenkaw l-eċċezzjonijiet tagħhom fil-mertu jħossu illi għandhom jagħtu stampa ċara tal-fatti b'mod sommarju u *stante* lil-fatti kif elenkati mill-attur m'humiex *del tutto* korretti kif wkoll sabiex jispjegaw lil dina l-Onorabbli Qorti l-punti saljenti li jiċċirkondaw l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tal-attur:

   L-attur kif spjegat fir-rikors ġuramentat ingħata *status* ta' rifugjat Palestinjan li kien imwieled il-Libanu. Missier l-attur huwa wkoll rifuġjat Palestinjan illi jgħix ġewwa l-Libanu, filwaqt li ommu hija ta' nazzjonalita' Lebaniża; skond il-ligi Lebaniża l-applikant wiret l-istatus ta' rifuġjat ta' missieru. L-attur baqa' jgħix u jaħdem ġewwa il-Libanu sad-19 ta' Marzu tal-2017, meta flimkien mat-tieni mara tiegħu ġie jgħix Malta.

   Illi fis-27 ta' Marzu tal-2017 l-attur informa l-Ufficcju tal-Kummissarju ghar-Rifugjati illi xtaq japplika sabiex jikseb protezzjoni internazzjonali, u l-applikazzjoni tieghu giet registrata fit-13 ta' Lulju tal-2017. Kif affermat fl-applikazzjoni tiegħu, l-attur sostna illi għandu jingħata protezzjoni internazzjonali mill-Awtoritajiet Maltin għar-raguni illi a) huwa rifuġjat Palestinjan residenti ġewwa il-Libanu f'zona iddominata minn residenti illi jsostnu il-gupp "Hezbollah" u b) mis-sena 2015, l-applikant allegatament beda jiffaccja tgheddid minhabba il-fatt illi kien f'relazzjoni ma' mara ta' reliġjon differenti, peress illi kienet Nisranija filwaqt illi huwa ta' fidi Musulmana. Annessa ma din l-applikazzjoni ġew ippreżentati diversi dokumenti li ġew analizzati

mill-Kummissarju għar-Rifuġjati li jinkludu *United Nations Relief and Works Agency for Palestine Refugees in the near East (UNRWA) registration card, refugee card* maħruga mill-awtoritajiet Lebaniżi u kif wkoll, liċenzja tas-sewqan maħruga mill-awtoritajiet Lebanizi.

Illi fit-13 ta' Lulju 2017 l-applikant ġie intervistat mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għar-rifugjati, kif rikjest mill--artikolu 24 (3) tal-Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta, u verbalment ikkonferma dak li joħrog mid-dokumenti hawn fuq imsemmija. Kemm mill-intervista kif wkoll mid-dokumenti ipprezentati mill-applikant, ħareġ ċar illi l-attur m'huwiex ċittadin Lebaniz iżda jgawdi mill-benefiċċji ta' Protezzjoni mill-UNWRA bħala rifuġjat Palestinjan, filwaqt li **jgawdi ukoll minn status ta refuġjat skond il-liġi Lebaniża**, hekk kif ikkonfermat mid-dokument *refugee card* maħruga mill-awtoritajiet Lebaniżi.
Illi l-Kummissarju għar-rifuġjati għamlet evalwazzjoni bir-reqqa tal-applikazzjoni tal-attur, u waslet għall-konkluzjoni motivata illi l-applikant ma rnexxilux jipprova b'evidenza kredibbli l-allegazzjoni tiegħu illi, peress illi huwa rifuġjat Palestinjan b'residenza ġewwa il-Libanu, huwa qiegħed jaffaċja biża ta' persekuzzjoni kif definita fil-Konvenjzoni ta' Ginevra dwar l-istatus ta' rifuġjati tal-1951. L-istess Kummissarju ikkonkludiet ukoll illi l-allegazzjoni tal-applikant illi huwa sofra jew jirriskja li jsofri, ġewwa il-Libanu, "dannu serju" kif definit fil-Kap 420 tal-Ligijiet ta' Malta u fid-Direttiva 2011/95/UE dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali m'hijiex kredibbli, u dan minħabba s-segwenti konsiderazzjonijiet fost oħrajn:

a. L-applikant, skont l-ammissjioni tiegħu stess waqt l-intervista, ma kellu l-ebda problema sabiex jottjeni u jezebixxi dokumenti uffiċċjali maħruga mill-awtoritajiet Lebaniżi
b. L-applikant iddikjara illi ma marx l-universita’ peress li ma kellhux il-mezzi finanzjarji meħtieġa; madanakollu huwa attenda istitut privat fil-Libanu fejn tgħallem il-*graphic design*
c. L-applikant iddikjara illi kien jgħix ġewwa zona f’Beirut li ġġib l-isem ta’ *Ghobeiry* fejn twieled u trabba, u **li hu baqa’ jgħix hemm għas-semplici raġuni illi l-kera hija ferm irħas minn dik ta’ postijiet oħra ġewwa l-Libanu,** għalkemm allegatament kien ġie mhedded minn xi residenti ta’ dan il-post u kien proprju għal din ir-raġuni illi applika għall-protezzjoni internazzjonali ġewwa Malta
d. L-applikant iddikjara wkoll illi missieru fis-snin sebħhin kien fetaħ ħanut illi jbiegħ aċċessorji tal-karozzi u li dan in-negozju għadu operattiv sa llum. L-applikant ppreżenta wkoll kopja tal-kuntratt tal-kera kif wkoll tal-liċenzja sabiex tali ħanut ikun jista’ jopera.

Illi l-applikant iddikjara wkoll illi siefer diversi drabi lejn iċ-Ċina gżal skopijiet kummerċjali sabiex jixtri merkanzija għall-imsemmi ħanut. Huwa ddikjara wkoll illi kien involut f’inċident fejn kien tajjar tfajla bil-karozza tiegħu waqt li kien qiegħed isuq ġewwa il-Libanu, iżda li il-kondotta tal-Pulizija hija nadifa.

Illi skond id-dikjarazzjonijiet tal-istess attur, huwa qatt ma kien jgħix ġewwa kamp tar-rifuġjati, u kien saħansitra jattendi skola privata ġewwa il-Libanu imħallsa mill-familja tiegħu stess;

Illi *di piu*’ l-attur l-anqas ma inrexxilu jipprova illi hu jew il-mara tiegħu irċevew xi tip ta’ theddid jew fastidju ġewwa il-Libanu; għall-kuntrarju,

huwa ammetta waqt l-intervista illi ħadd mill-familja tiegħu ma kien sofra dannu personali;

Illi in konnessjoni ma dawn il-fatti, il-Kummissarju għar-rifuġjati irreferiet ghall-artikolu 35 tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew li jistipula:

*"A Country can be considered to be a first country of asylum for a particular applikant if:*

*(b)* ***He or she otherwise enjoys sufficient protection in that country****, including benefiting from the principle of non-refoulement,*

*Provided that he or she will be readmitted to that country."* (emfazi tal-esponenti)

Illi l-Kummissarju ikkonkludiet, wara analiżi profonda tal-evidenza kollha miġjuba mill-applikant, illi l-applikant igawdi protezzjoni suffiċjenti fil-Libanu u li huwa jista' jerġa' jitħalla jidħol f'dak il-pajjiż. B'hekk **il-Libanu jista' jitqies bħala l-ewwel pajjiż ta' asil għall-applikant**, b'konsegwanza illi l-applikazzjoni tiegħu għall-protezzjoni internazzjonali kellha titqies bħala inammissibli skond l-Artikolu 33(2)(b) tal-istess Direttiva, kif traspost permezz tal-Artikolu 24(1)(b) tal-Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi konsegwentement, fit-22 ta' Novembru tal-2017 il-Kummissarju għar-Rifuġjati irrakomandat illi l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tal-attur kienet inammissibbli ai termini tal-artikolu 24 (1) (b) tal-Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta, u rreferiet din ir-

rakomandazzjoni immedjament lill-President tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati kif kienet obbligata li tagħmel ai termini tal-Artikolu 23 (3) tal-istess Att.

Illi il-proċedura stabbilita tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għar-Rifuġjati hija li l-applikant jiġi infurmat minnufih permezz ta' telefonata malli tinħareġ ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju fil-konfront tieghu; illi skond ir-rekords ta' dan l-Uffiċċju **l-applikant kellu appuntament skedat sabiex imur jiġbor id-deċizjoni fis-7 ta' Diċembru 2017**, iżda għal xi raġuni li jafha biss l-attur, l-istess attur ma marx f'dik id-data iżda ġabar id-deċiżjoni fil-11 ta' Diċembru. Illi għalkemm l-Uffiċċju ma jżommx rekords ta' meta u kemm-il darba jigi ikkuntattjat kull applikant permezz ta' telefonata – u wisq anqas ta' kull *tentattiv* sabiex applikant jiġi ikkuntattjat – f'dan il-każ jirriżulta loġiku illi l-attur ċertament kien ġie ikkuntattjat qabel is-7 ta' Dicembru 2017 sabiex imur jiġbor id-deċiżjoni meħuda fil-konfront tiegħu. Illi għalhekk, kuntrarjament għall-alegazzjoni tal-attur, dan id-dewmien ċertament ma kienx attribwibbli għal xi nuqqas da parti tal-Kummissarju, iżda kien esklussivament tort tal-istess applikant.

Illi barra id-dokumenti A u B annessi mar-rikors promotur, l-applikant irċieva ukoll dokument iehor mingħand il-Kummissarju intitolat "*Confidential Memo to the Applikant for recognition of International Protection"* fejn ġie ikkjarifikat illi d-deċiżjoni tal-Kummissarju ittieħdet ukoll abbazi tal-konsiderazzjoni illi l-applikant ma rnexxilux jipprova b'evidenza kredibbli illi (a) huwa qiegħed jaffaċja biża ta' persekuzzjoni kif definita fil-Konvenjzoni ta' Ginevra tal-1951 jew (b)

illi huwa sofra jew jirriskja li jsofri dannu serju kif definit fid-Direttiva 2011/95/UE;

Illi l-Bord tal-appelli dwar ir-Rifuġjati fit-12 ta' Diċembru 2017 informa l-attur permezz ta' ittra illi huwa kien qiegħed jikkonferma r-rakomandazzjoni tal-Kummissarju *in toto*.

Illi l-esponenti jirrilevaw wkoll illi fil-15 ta' Diċembru 2017 l-attur intavola applikazzjoni sussegwenti għal protezzjoni internazzjonali, ai termini tal-artikolu 7A tal-Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta, liema applikazzjoni ġiet irtirata xaharejn wara mill-istess attur qabel ma giet ikkunsidrata mill-Kummissarju, għal raġunijiet li l-attur biss huwa konsapevoli tagħhom;

6. Illi l-esponenti jeċepixxu li mhuwiex minnu illi l-aġir kemm tal-Kummissarju kif ukoll tal-Bord ma kienx konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2013/32/UE dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali, u dan kif ser jiġi spjegat fil-qosor;

7. Illi fir-rigward ta' applikazzjonijiet inammissibbli bħal dik *de quo*, l-Artikolu 33(1) tad-Direttiva 2013/32/UE jistipula b'mod ċar illi ***"l-Istati Membri mhumiex obbligati jeżaminaw jekk l-applikant jikkwalifikax għal protezzjoni internazzjonali taħt id-Direttiva 2011/95/UE fejn applikazzjoni tkun kunsidrata inammissibbli taħt dan l-Artikolu."*** Illi il-Kummissarju għar-Rifuġjati għamlet analiżi approfondinta tal-applikazzjoni tal-attur skond il-kriterji sostantivi tad-Direttiva 2011/95/UE dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, u waslet għall-konkluzjoni raġunata illi

l-applikant ma rnexxilux jipprova b'evidenza kredibbli illi huwa qiegħed jaffaċja biża ta' persekuzzjoni kif definita fil-Konvenjzoni ta' Ginevra dwar l-istatus ta' rifuġjati tal-1951; u ikkonkludiet ukoll illi l-allegazzjoni tal-applikant illi huwa sofra jew jirriskja li jsofri, ġewwa il-Libanu, "dannu serju" kif definit fid-Direttiva 2011/95/UE m'hijiex kredibbli;

8. Illi barra din l-analiżi dettaljata illi, fi kwalunkwe każ, **ma kienitx obbligata li tagħmel skond il-liġi Ewropeja,** il-Kummissarju għar-rifuġjati kkunsidrat illi l-applikant igawdi minn protezzjoni suffiċjenti fil-Libanu ai termini tal-Artikolu 35 (b) tad-Direttiva 2013/32/UE u li jista' jiġi riamess ġewwa dak il-pajjiż. Illi kien għalhekk li l-Kummissarju ikkonkludiet illi l-Libanu jista' jitqies bħala l-ewwel pajjiż ta' asil, b'konsegwenza illi l-applikazzjoni tal-attur kienet inamissibbli ai termini tal-Artikolu 33(2)(b) tad-Direttiva u tal-Artikolu 24 (1) (b) tal-Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Illi barra minn hekk l-esponenti jeċepixxu wkoll, mingħajr preġudizzju għas-suespost, illi anke li kieku l-applikazzjoni tal-attur kellha *ipotetikament* titqies bħala ammissibbli, **l-applikant fi kwalunkwe każ kien jitqies bħala eskluż mill-protezzjoni internazzjonali ai termini tal-artikolu 12 (1) (a) tal-Kap 420**, li jittrasponi l-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva 2011/95/UE dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-rifuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija. Illi tali artikolu jipprovdi illi persuna li tkun ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat hija eskluża milli tiġi ikkunsidrata bħala rifuġjat jekk taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-

Artikolu 1D tal-Konvenzjoni ta' Ginevra tal-1951. Illi ġialadarba l-attur qiegħed jirċievi assistenza mill-*United Nations Relief and Works Agency for Palestine Refugees in the near East (UNRWA)* – u saħansitra għandu karta ta' reġistrazzjoni mal-UNRWA – huwa awtomatikament meqjus li jaqa' taħt l-artikolu 1D tal-Konvenzjoni ta' Ginevra tal-1951 u ma jistax għalhekk jitqies bħala rifuġjat skond il-liġi tal-UE. Illi fil-fatt l-UNCHR tikkunsidra illi dixxendenti ta' persuni li kellhom jitilqu mil-Palestina minħabba l-kunflitti tal-1948 u 1967, u illi jgħixu ġewwa iż-żoni tal-operat tal-UNRWA (u ċjoè: il-Gordan, il-Libanu, is-Sirja, ix-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaza) huma kkunsidrati illi jirċievu protezzjoni u assistenza mill-UNRWA;[1] u kif ukoll illi "***Being registered by UNRWA or possessing UNRWA documentation would serve as conclusive, albeit not necessary, proof of falling within the scope of Article 1D(1)***".[2]

10. Illi għaldaqstant id-deċiżjoni tal-Kummissarju tar-Rifuġjati kif spjegata fis-suespost kienet waħda legali u meħuda wara analiżi metikoluza tal-każ u dan kif ser jiġi muri ukoll tul it-trattazjoni tar-rikors ġuramentat in risposta;

11. Illi tali deċiżjoni ġiet ikkonfermata mill-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati fit-12 ta' Diċembru 2017 ai termini tal-artikolu 23(3) tal-Kap 420. L-esponent jirrilevaw illi l-Bord reġa' eżamina d-dokumenti kollha li ġew ippreżentati kemm mill-Kummissarju ghar-Rifuġjati kif wkoll mill-applikant, u għaldaqstant m'huwiex minnu kif allegat mill-attur illi l-Bord m'għamilx eżami sħiħ tal-fatti u tal-Liġi *stante* illi huwa mexa'

---

[1] Ara "*Guidelines on International Protection No. 13: Applicability of Article 1D of the 1951 Convention relating to the Status of Refugees to Palestinian Refugees*" (UNHCR, December 2017), paragrafi 7 u 8

[2] Ibid, paragrafu 42.

*ad verbatim* ma dak li tistipula l-liġi u ċjoe l-artikolu 23 (3) tal-Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta;

12. Illi fir-rigward tal-allegazzjoni tal-attur illi ma setax jeżerċita d-dritt tiegħu tal-aċċess għal rimedju effettiv ai termini tal-Artikolu 46 tad-Direttiva u li saħansitra t-trasposizzjoni ta' dan il-provvediment fil-Liġi Maltija hija skorretta, dan ċertament m'huwiex minnu, kif ikkonfermat f'sentenza riċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja (*Grand Chamber*) fil-Kawża C-585/16 ***Alheto*** tal-25 ta' Lulju 2018.[3] Illi f'din is-sentenza il-Qorti Ewropea interpretat l-Artikolu 46(3) tad-Direttiva 2013/32 bil-mod li ġej:

*"114. ...the requirement for a full and ex nunc examination implies that the court or tribunal seised of the appeal must interview the applikant,* ***unless it considers that it is in a position to carry out the examination solely on the basis of the information in the case file, including, where applicable, the report or transcript of the personal interview before that authority*** *(see, to that effect, judgment of 26 July 2017, Sacko, C-348/16, EU:C:2017:591, paragraphs 31 and 44). ...*

*115. The words 'where applicable', contained in the limb of the sentence 'including, where applicable, an examination of the international protection needs pursuant to directive [2011/95]', underline, ... the fact that* ***the full and ex nunc examination to be carried out by the court need not necessarily involve a substantive examination of the need for international protection <u>and may accordingly concern the admissibility of the application for</u>***

[3] ECLI:EU:C:2018:584

***international protection, where national law allows pursuant to Article 33(2) of Directive 2013/32.***" (Emfazi tal-esponenti)

13. Illi fil-Kawża *Alheto* suċitata, il-Qorti Ewropea kompliet biex tgħid illi meta l-awtorita' nazzjonali responsabbli sabiex teżamina applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali tkun iddikjarat applikazzjoni bħala inammissibbli, abbażi tal-prinċipju tal-"ewwel pajjiż ta' asil" skond l-Artikolu 35 tad-Direttiva, il-qorti jew it-tribunal illi jirrevedi tali deċiżjoni m'għandhiex l-obbligu li terġa' tisma' lill-applikant mill-ġdid, sakemm dan ikun diġa' instema' mill-awtorita' kompetenti:

*"126. It must be held, in that regard, that, in the event that the ground of inadmissibility examined by the court or tribunal hearing the action was also examined by the determining authority before the document contested in the action was adopted,* ***that court or tribunal may rely on the report of the personal interview conducted by that authority without hearing the applikant, unless it considers it necessary.***

*127. If, by contrast, the determining authority did not examine that ground of inadmissibility and, consequently, did not conduct the personal interview referred to in Article 34 of Directive 2013/32, it is for the court or tribunal, if it considers that such a ground ought have been examined by that authority or should be examined on account of new evidence that has arisen, to conduct such a hearing.*" (Emfazi tal-esponenti)

14. Illi abbazi ta' din il-kazistika ċara tal-Qorti tal-UE, u tenut kont tal-eżami dettaljata tal-każ illi saret minn-naħa tal-Kummissarju li

inkludiet intervista eżawrjenti mal-istess applikant, l-attur ċertament ma jistax jargumenta illi ġie imċaħħad milli jeżerċita d-dritt tiegħu għal rimedju effettiv skond l-Artikolu 46 tad-Direttiva 2013/32/UE;

15. Illi l-esponenti jirrilevaw wkoll illi ai termini tal-Artikolu 23 (4) tal-Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta d-deċiżjoni tal-President tal-Bord dwar jekk l-applikazzjoni tkunx waħda manifestament infondata għandha tkun waħda finali u konkluživa u minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, **ebda appell jew għamla ta' reviżjoni ġudizzjarja oħra ma tista' ssir quddiem il-Bord jew quddiem xi Qorti oħra.**

16. Illi l-esponenti jeċepixxu wkoll illi l-artikolu 6 (1A) (a) (ii) tal-Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipula illi:

*"(1A) Għall-fini ta' dan l-artikolu, jista' jsir appell fuq fatti u punti ta' liġi kontra:*
*(a) rakkomandazzjoni meħuda dwar applikazzjoni għal-protezzjoni internazzjonali inkluża deċiżjoni li:*

*(i) tikkunsidra applikazzjoni bħala bla bażi fir-rigward ta' status ta' rifuġjat u, jew status ta'protezzjoni sussidjarja;*
***(ii) tikkunsidra applikazzjoni bħala inammissibbli skont l-artikolu 24;***

***Iżda għall-fini ta' din id-dispożizzjoni, ir-reviżjoni mmexxija mill-President tal-Bord tal-Appelli għar-Rifuġjati, għandha tiġi meqjusa li tikkostitwixxi appell."*** (Sottolinjar tal-esponent)

17. F’kull każ u mingħajr preġudizzju, l-eċċepjenti jirrespingu bil-qawwa kull allegazzjoni li kien hemm xi nuqqas fit-twettiq tal-poteri fdati lilhom senjatament li naqsu milli josservaw il-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta’ qabel dwar dak l-egħmil, huma dejjem aġixxew fil-parametri u b’konformita’ sħiħa mal-liġi. Għaldaqstant l-aġir tal-esponenti sar għall-għanijiet xierqa u huwa msejjes fuq kunsiderazzjonijiet rilevanti u skont il-liġi;

18. Illi in kwantu illi l-attur qiegħed jitlob bħala rimedju allegati danni sofferti minnu, l-esponenti jeċepixxu illi din il-Qorti ma tistgħax tati tali rimedju u dan peress illi f’kawża ta’ stħarriġ ġudizzjarju il-Qorti hija prekluża milli tagħti rimedju iżda hija limitata biex tordna li tħassar id-deċiżjoni in kwistjoni u dan peress illi l-Qorti hija prekluża milli tieħu d-deċiżjoni flok l-awtorita’ kompetenti. Semmai f’każ l-Qorti tiddeċiedi illi tħassar id-deċiżjoni mertu ta’ din il-kawza, il-kwistjoni tiġi rimessa mill-ġdid lill-konvenuti biex huma jaghtu r-rakomandazzjoni u decizjoni taghhom fit-terminu tal-kunsiderazzjonijiet kollha rilevanti;

Rat l-atti tal-kawża;

Ħadet konjizzjoni tan-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet u t-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati tagħhom waqt l-udjenza tal-21 ta’ Novembru 2019;

Rat li fl-istess udjenza, il-kawża ġiet iddifferita għas-sentenza għallum fuq it-tlett eċċezzjonijiet preliminari;

Ikkunsidrat:

Illi fil-qosor, permezz tal-ewwel eċċezzjoni l-konvenuti isostnu li m'humiex il-leġittimi kontradditturi għaliex ma kinux huma li ħadu d-deċiżjoni li qiegħdha tiġi attakkata. It-tieni eċċezzjoni hi li r-rikors ġuramentat huwa null għaliex fih kawżali u talbiet alternattivi kuntradittorji u konfiġġenti billi qiegħed jintalab stħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrattiv u fl-istess nifs il-likwidazzjoni tad-danni. It-tielet eċċezzjoni hi li ġaladarba din hija azzjoni taħt l-Art. 469A 1(b)(iv) tal-Kap 12, saret *fuori termine* abbażi tal-Art. 469A(3). Għal din l-eċċezzjoni, l-attur qiegħed jilqa' billi jsostni li l-kawża mhix skont l-Art. 469A. Billi fin-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom, u waqt it-trattazzjoni bil-fomm, il-partijiet ikkonċentraw fuq it-tielet eċċezzjoni, l-Qorti sejra tikkunsidra t-tielet eċċezzjoni qabel l-ewwel u t-tieni waħda; anke għaliex jekk tintlaqa', ikun superfluwu li tikkunsidra ż-żewġ eċċezzjonijiet imsemmija;

Illi kif ġja` ngħad, l-attur jilqa' għat-tielet eċċezzjoni billi jisħaq li bl-azzjoni minnu mressqa, mhux qiegħed jattakka egħmil amminstrattiv imma qiegħed jattakka l-liġi li in forza tagħha sar dak l-egħmil. Speċifikament li fil-liġi Maltija saret trasposizzjoni inkorretta tad-Direttiva 2013/32/UE; u li allura din il-Qorti għandha l-obbligu li tinterpreta l-liġi nazzjonali fid-dawl tad-disposizzjonijiet tad-Direttiva u twarrab l-applikazzjoni ta' liġi nazzjonali li tmur kontra d-direttiva. Isostni li allura mhumiex applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Art 469A. In sostenn ta' dan jiċċita sentenza ta' din il-Qorti diversament ippreseduta fl-ismijiet **Vodafone Malta Ltd. v. Awtorita` Maltija dwar il-Komunikazzjoni u l-Avukat Generali**[4]**;** każ li wkoll jittratta konflitt bejn il-liġi Maltija u Direttiva tal-Unjoni Ewropeja. Min-naħa tagħha, l-Qorti straħet, fl-imsemmija sentenza, fuq l-awtorita` tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza **Attard v Ellul Micallef**[5]**.** Il-konvenuti jirreplikaw li dawn is-sentenzi jirrigwardaw impunjazzjoni ta' leġislazzjoni sussidjarja, u mhux egħmil amministrattiv. Il-

[4] Deċiża fit-18 ta' Ġunju 2013
[5] deċiża fl-4 ta' Marzu 1998

Qorti għandha tiddeċiedi fuq it-talbiet kif proposti fir-rikors promotur; u dawn jikkonsistu f'talbiet għall-infiċjar ta' egħmil amministrattiv;

Illi huwa minnu li l-Qorti trid toqgħod rigorożament għall-parametri tal-kwistjoni mpoġġija quddiemha permezz tal-azzjoni tal-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut. Tant li jekk ma tagħmilx hekk, u tiddisponi *ultra petita* jew *extra petita* s-sentenza tista' tiġi attakkata permezz t'appell jew ritrattazzjoni. Dan għaliex *sententia debet esse conformis libello;*

Illi fil-kawża suċċitata **Vodafone Malta Ltd. v. Awtorita` Maltija dwar il-Komunikazzjoni et.,** dak li kien qiegħed jiġi attakkat fl-att promotur kienet id-direttiva numru 2 tat-2005, maħruġa taħt ir-regolament 13 tal-A.L. 412/2004 u l-Art. 34 tal-Kap 399. Direttiva applikabbli *erga omnes* u anke għalhekk ta' natura leġislattiva. Fil-kawża l-oħra, **Ellul v Micallef, in-natura ta' dak li** kien qiegħed jiġi attakkat kienet inqas ċara, għaliex l-attur talab in-nullita` ta' deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tal-Universita` billi kkontesta l-validita` tal-kriterji li fuqhom il-Bord ibbaża d-deċiżjoni tiegħu li ma jammettiħx għall-kors tal-mediċina, għaliex ma kinux awtorizzati li jsiru mil-liġi. B'danakollu l-Qorti tal-Appell iddeċidiet li dak li kien qiegħed jiġi attakkat ma kinitx id-deċiżjoni tal-Bord fiha nfisha imma l-validita` tal-liġi li, in forza tagħha, ittieħdet dik id-deċiżjoni – u għalhekk il-kawża ma kinitx saret in forza tal-Art. 469A tal-Kap 12;

Illi fil-każ preżenti, l-attur, għalkemm f'waħda mill-premessi jallega li saret trasposizzjoni inkorretta tad-Direttiva msemmija, ma jagħmilx talba biex din it-trasposizzjoni tiġi ddikjarata nulla. Fl-ewwel talba jitlob dikjarazzjoni li l-egħmil amministrattiv imur kontra l-Art. 35 u 46(1)(a)(ii) tad-Direttiva; fit-tieni talba jitlob li l-egħmil jiġi ddikjarat null, invalidu u bla effett; fit-tielet talba jitlob dikjarazzjoni li d-Direttiva għandha effett dirett fil-liġi Maltija; fir-raba talba jitlob dikjarazzjoni li minħabba l-egħmil amministrattiv null, ma setgħax jeżerċita l-jeddijiet tiegħu għal protezzjoni internazzjoni; fil-ħames talba talab il-

likwidazzjoni tad-danni u fis-sitt talba talab li l-Qorti tordna li jittieħdu l-miżuri opportuni biex tiġi rimedjata l-qagħda tiegħu. Huwa ċar għalhekk li l-attur ma huwa qiegħed jitlob it-tħassir tal-ebda liġi li permezz tagħha saret it-trasposizzjoni tad-Direttiva; anzi qiegħed jitlob dikjarazzjoni li d-Direttiva għandha effett dirett fil-liġi Maltija; u li l-egħmil amministrattiv jitħassar proprju għaliex sar bi ksur ta' dik id-Direttiva. Ċertament għalhekk it-talbiet tiegħu huma differenti minn dawk magħmula fil-kawża **Vodafone Malta Ltd. v. Awtorita` Maltija dwar il-Komunikazzjoni et. –** fejn it-talbiet kienu esklussivament għal tħassir ta' att leġislattiv – u minn dawk ta' **Ellul v Micallef,** fejn fiċ-ċitazzjoni, intalab li jitħassru r-regolamenti (meqjusa bħala att leġislattiv) u konsegwenzjalment għat-tħassir tal-att amministrattiv maħruġ in forza tal-istess regolamenti. Għall-kuntrarju, dak li qiegħed jitlob l-attur jinkwadra ruħu għal kollox u esklussivament entro l-parametri tal-Art. 469A tal-Kap 12;

Illi m'hemm l-ebda dubbju li din il-kawża ġiet istitwita wara l-egħluq tal-perjodu ta' sitt xhur rikjest mill-Art. 469A(3) tal-Kap 12;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-tielet eċċezzjoni, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet, u konsegwentement tiċħad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż a kariku tiegħu.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA